Literary Critique of *Alte Vestiga*

by Anton Sammut

Originally published as the introduction to the novel

Alte Vestiga (2008), pp. v–vii

Written by **Professor Oliver Friggieri**

This document includes:

A facsimile of the original published pages

A full Maltese transcription

An English translation adapted for clarity and citation

ISBN of the novel: 978-99932-0-671-2



alte vestiga

Anton Sammut

Il-karattri prinċipali kif ukoll ċertu postijiet (bħar-raħal u edifiċji oħrajn bħall-Kurja ta' Nurimberga u ta' Munich), huma jew prodott tal-immaġinazzjoni tal-awtur, jew inkella użati għal skopijiet fittizji. Kull xebh li jista' jkun hemm ma' persuni veri u ma' postijiet simili msemmija hawn fuq huwa purament kumbinazzjoni.

Disinn tal-qoxra: Anton Sammut
Ritratt tal-awtur: Anton Sammut

Copyright Letterarju © Anton Sammut 2008

ISBN: 978-99932-0-671-2

Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni miżmuma kollha mill-awtur.
Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla jew legatura oħra ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-awtur.

Issettjat u stampat fil-Best Print Co. Ltd, il-Qrendi, Malta.

Ħajr lil

Rev. Prof. Peter Serracino Inglott
Prof. Oliver Friggieri
Prof. Kenneth Wain
Karl Coleiro (Qarrej tal-Provi)
Ħbieb u oħrajn...

Daħla tal-Professur Oliver Friggieri

Minkejja li hemm bosta forom ta' rumanz, li jvarjaw mingħajr ma huma fissi, huma kollha jipprovdu sforz biex permezz ta' rakkont ta' xeħta jew oħra, tingħata interpretazzjoni tal-ħajja fiha nnifisha minn aspett partikolari. Kull rumanz jagħżel dimensjoni differenti tal-mod ta' rakkontar: ivarja fl-użu tal-ewwel jew tat-tieni jew tat-tielet persuna, jisħaq fuq l-azzjoni aktar milli fuq id-djalogu, jew il-kuntrarju, u jistrieħ fuq id-deskrizzjoni iżjed milli fuq fatturi oħra. Hemm xejriet oħrajn. Ir-rumanz huwa għalhekk minnu nnifsu espressjoni elaborata, organizzata, ta' viżjoni li kittieb jixtieq jagħtiha sura li tingħaraf bħallikieku kienet ritratt tal-ħajja. Huwa ritratt verbali, tagħqida ta' kliem li hu ħoss, sens u ħaġa. U kull ritratt, anki verbali, jinvolvi wkoll lill-fotografu, skont gost, perspettiva, burdata, angolazzjoni u l-bqija.

Fil-Kritika Moderna dan kollu jidħol fil-kategorija ta' dik li hi magħrufa bħala fokalizzazzjoni. Minn hawn 'il quddiem jibda d-diskors dwar ir-rumanz bħala kontenut li jirrealizza għamla jew oħra ta' fokalizzazzjoni.

Dawn il-kummenti jistgħu jkunu utli biex ikun apprezzat dan ir-rumanz ta' Anton Sammut, skont l-għażliet tematiċi u strutturali tiegħu. Qabelxejn hu rumanz li jrid isarraf l-azzjoni fi ħsieb, jew aħjar, juri li l-ogħla azzjoni umana hi l-ħsieb. Li taħseb ifisser li teżisti, u minn hemm 'il quddiem, fil-limiti ta' Descartes u aktar, kulma jseħħ hu azzjoni daqskemm ħsieb. B'serjetà u b'impenn, b'tonalità li hi dejjem gravi, ħassieba u diretta, Anton Sammut jibni storja li hi kompromess bejn esperjenza li sseħħ fid-dinja fiżika, u esperjenza li hi kollha kemm hi ġewwiena, mentali, u

tiġri fl-ispazji ta' post u ta' żmien li ma huma b'ebda mod dawk li jiddefinixxi l-għajxien komuni. Karattri u sitwazzjonijiet huma bħallikieku elementi li jsawru ħsieb. Huma mħaddmin mill-awtur, preżenti dejjem f'kull qagħda, bl-iskop li lkoll jillustraw fażi fil-mogħdija ta' żvilupp li matulha l-personaġġi tiegħu jgħaddu minn proċess sħiħ.

Anton Sammut jibda biex jirrendi lill-karattri tiegħu konxji ta' verità, jew għall-inqas ta' intwizzjoni jew perċezzjoni li huma konvinti minnha, imbagħad idaħħalhom fl-ambjent soċjali, interpersonali, li r-rumanz kollu jiżvolġi fih bħala rakkont, u fl-aħħar nett iwassalhom b'mod jew b'ieħor biex jieħdu pożizzjoni, jikkommettu ruħhom u jiddeċiedu. Mhumiex deċiżjonijiet li jiddeterminaw lir-realtà, li hi diġà lesta, iżda huma passi li jbiddlu lill-karattru. Minn hemm 'il quddiem l-istorja tagħhom tissokta miexja, imma b'pass aktar deċiż minn qabel, lejn is-soluzzjoni tagħha. L-għoqda tal-bidu tinħall qajla qajla, tant li l-karattri, bħallikieku membri ta' kor wieħed iżda lkoll mogħnija b'vuċi differenti, jagħrfu lil xulxin f'dak kollu li paradossalment jagħżilhom minn xulxin. L-awtur jagħti ħjiel ta' dan huwa u miexi fir-rakkont, bejn siltiet ta' deskrizzjoni u oħrajn ta' riflessjoni kotrana, li huma kollha turija tal-involviment dirett tiegħu fil-formazzjoni tal-karattri. In-narratur huwa wkoll wieħed mill-karattri tar-rumanz, u forsi huwa wkoll il-protagonista mifhum, impliċitu.

Bħalma jsegwi b'konsistenza l-linja tal-ħsieb tiegħu, u bħalma jagħżel li jkun tip ta' narratur-li-jaf-kollox u narratur-li-jinsab-kullimkien, Anton Sammut iżomm ukoll il-bilanċ bejn l-ambjent li jgħixu fih il-karattri tiegħu (l-ambjent empiriku, issa u hawn) u l-ambjent li huwa sewwasew ir-ruħ tal-karattri (l-ambjent spiritwali, intellettwali, li m'għandux truf fissi).

Kollox f'dan ir-rumanz jista' jingħaraf bħala tlaqqigħ, kuntrast u kompromess bejn ir-realtà tal-fatti magħrufa u r-realtà tal-prinċipji mfittxa. L-azzjoni u l-ħsieb, iċ-ċertezza u t-tiftixa

huma ż-żewġ binarji li fuqhom Anton Sammut jorganizza l-vjaġġ miktub fl-għamla ta' personaġġi li jaħsbu u jfittxu. Huwa anki vjaġġ 'kulturali' minħabba li l-awtur jinseġ f'ħaġa kumplessa waħda, bosta riferimenti għal ħsibijiet filosofiċi mislutin minn kulturi diversi, qodma u reċenti, ilkoll bħallikieku mgħoddijin mill-magna tal-ġudizzju tiegħu, dejjem skont il-modalitajiet tal-forma narrattiva li huwa għażel biex jippreżenta espożizzjoni ta' kweżiti dejjiema, kwistjonijiet qliel li sikwit joħorġu mill-konfini li jikklassifikawhom (Teoloġija, filosofija, u oħrajn) biex jimirħu f'dixxiplini differenti. Ilkoll jistgħu jinġabru fil-kelmiet assolut u relattiv. Għalhekk sikwit id-dibattitu kontinwu li huwa l-qofol tar-rumanz ta' Anton Sammut huwa aktar dokument tal-*angst* personali tal-karattri milli eżempju ta' interess fl-avvanz individwali tagħhom stess. Il-preokkupazzjonijiet huma dejjem eżistenzjali, saħansitra anki meta jersqu lejn id-dinja politika. Fil-formazzjoni tas-'summa' tiegħu, l-awtur itaħħat kollox għad-dimensjoni "sub specie aeternitatis".

Il-personaġġi huma lkoll membri ta' dinja wiesgħa, usa' minn pajjiż partikolari, u kważi anki meħlusin mill-għeluq ta' żmien speċifiku. Dan kollu juri li Anton Sammut, huwa u miexi mingħajr waqfien fil-mogħdija tal-ħsieb – bejn skiet u kelma, bejn dubju u ċertezza – jixtieq jinkorpora riflessjonijiet f'kundizzjonijiet tipiċi ta' rakkont: individwi fi ħdan komunità, ħsibijiet li jeħtieġu diskussjoni, mistoqsijiet li jitolbu tweġiba. L-għeluq tar-rumanz juri li l-awtur mhuwiex interessat li jwassal lir-rakkont sa għeluq preċiż, finali, mitmum. Aktarx jidher li l-għeluq għandu jibqa' miftuħ, biex il-kwistjonijiet jevolvu, u l-vjaġġ ikompli. Rumanz bi tmiem miftuħ li juri li l-awtur jagħraf li l-eżistenza stess hi forma ta' rumanz li jevita limiti eżatti.

OLIVER FRIGGIERI
13/7/08

Introduzzjoni tal-Prof. Kenneth Wain

Dan l-ewwel rumanz ta' Anton Sammut jinqara bħala saga fil-ħajjiet u ż-żminijiet ta' numru pjuttost ristrett iżda intensiv ta' karattri li madwarhom jinseġ l-istorja tiegħu l-awtur.

L-istorja tal-ewwel karattri fil-bidu tar-rakkont tiftaħ tard fis-seklu dsatax f'raħal żgħir fil-viċinanzi tal-belt ta' Nurimberga fir-reġjun t'isfel tal-Ġermanja u tkompli bit-twelid ta' ġenerazzjonijiet ġodda u aktar kożmopolitani tul is-seklu għoxrin kważi sal-aħħar tiegħu.

L-istorja movimentata u mdemmija tal-Ewropa f'din il-qatgħa ta' żmien mimlija gwerer ta' kull tip, tnejn minnhom dinjin, rivoluzzjonijiet imnebbħa minn ideoloġiji kuntrastanti, u taqlib ieħor soċjali u politiku, tifforma l-isfond tar-rakkont.

Il-karattri li huma wkoll Ġermaniżi u tipiċi tar-reġjun mnejn oriġinaw (fortizza tal-Konservattiviżmu u tal-Kattoliċiżmu), huma protagonisti u vittmi, kif ma jistax jonqos, ta' din l-istess storja li ssawwar id-destin tagħhom.

Sammut, madankollu, mhuwiex kuntent li jillimita ruħu għal rakkont sempliċi tal-ġrajjiet, ħafna drabi drammatiċi u mwiegħra, li jgħaddu minnhom il-personaġġi tiegħu. Mar-rakkont, permezz l-aktar ta' djalogi bejn personaġġi differenti dwar numru ta' temi, jinseġ riflessjoni dwar l-eżistenza u n-natura tal-bniedem (speċjalment il-mara), tas-soċjetà u tal-politika, u tad-divin li jiġbdu minn assortiment impressjonanti ta' sorsi filosofiċi, storiċi, u teoloġiċi.

Għalhekk, bosta mill-karattri tiegħu huma ħafna iżjed minn karattri, huma wkoll inkorporazzjoni ta' filosofija ta' ħajja jew

ta' tip ta' bniedem jew bniedma, u dal-fatt jagħtihom ċerta qawwa fil-mod kif jippreżentaw rwieħhom lill-qarrej li jiltaqa' magħhom.

B'mod ġenerali l-preżenza filosofika li tiddomina din il-ġrajja, mill-kwinti però, hija dik ta' Nietzsche, u dik letterarja ta' Dostoevsky. Id-dell ta' dawn iż-żewġ ġganti ta' ħsieb u kitba jabita fit-tensjoni bejn il-Kristjaneżmu u l-Eżistenzjaliżmu li fiha timraħ il-kitba ta' Anton Sammut.

KENNETH WAIN

This document is a verbatim transcription of the Maltese-language critical introduction to the novel **Alte Vestiga** *(2008) by Anton Sammut. The commentary was written by Professor Oliver Friggieri and originally published within the book itself.*

Critical Introduction by Professor Oliver Friggieri

Originally published in the novel *Alte Vestiga* (2008), pp. v–vii[1]
ISBN: 978-99932-0-671-2
Dated 13 July 2008

Minkejja li hemm bosta forom ta' rumanz, li jvarjaw mingħajr ma huma fissi, huma kollha jipprovdu sforz biex permezz ta' rakkont ta' xeħta jew oħra, tingħata interpretazzjoni tal-ħajja fiha nnifisha minn aspett partikolari. Kull rumanz jagħżel dimensjoni differenti tal-mod ta' rakkontar: ivarja fl-użu tal-ewwel jew tat-tieni jew tat-tielet persuna, jisħaq fuq l-azzjoni aktar milli fuq id-djalogu, jew il-kuntrarju, u jistrieħ fuq id-deskrizzjoni iżjed milli fuq fatturi oħra. Hemm xejriet oħrajn.

Fil-Kritika Moderna dan kollu jidħol fil-kategorija ta' dik li hi magħrufa bħala fokalizzazzjoni. Minn hawn 'il quddiem jibda d-diskors dwar ir-rumanz bħala kontenut li jirrealizza għamla jew oħra ta' fokalizzazzjoni.

Dawn il-kummenti jistgħu jkunu utli biex ikun apprezzat dan ir-rumanz ta' Anton Sammut, skont l-għażliet tematiċi u strutturali tiegħu. Qabelxejn hu rumanz li jrid isarraf l-azzjoni fi ħsieb, jew aħjar, juri li l-ogħla azzjoni umana hi l-ħsieb. Li taħseb ifisser li teżisti, u minn hemm 'il quddiem, fil-limiti ta' Descartes u aktar, kulma jseħħ hu azzjoni daqskemm ħsieb.

B’serjetà u b’impenn, b’tonalità li hi dejjem gravi, ħassieba u diretta, Anton Sammut jibni storja li hi kompromess bejn esperjenza li sseħħ fid-dinja fiżika, u esperjenza li hi kollha kemm hi gewwiena, mentali, u tiġri fl-ispazji ta’ post u ta’ żmien li ma huma b’ebda mod dawk li jiddefinixxi l-għajxien komuni. Karattri (Ġermanizi, għaliex huwa ambjentat fil-Ġermanja bejn l-1890 u l-1990, iżda mhux biss) u sitwazzjonijiet huma bħallikieku elementi li jsawru ħsieb. Huma mħaddmin mill-awtur, preżenti dejjem f’kull qagħda, bl-iskop li lkoll jillustraw fażi fil-mogħdija ta’ żvilupp li matulha l-personaġġi tiegħu jgħaddu minn proċess sħiħ.

Anton Sammut jibda biex jirrendi lill-karattri tiegħu konxji ta’ verità, jew għall-inqas ta’ intwizzjoni jew perċezzjoni li huma konvinti minnha, imbagħad idaħħalhom fl-ambjent soċjali, interpersonali, li r-rumanz kollu jiżvolġi fih bħala rakkont, u fl-aħħar nett iwassalhom b’mod jew b’ieħor biex jieħdu pożizzjoni, jikkommettu ruħhom u jiddeċiedu. Mhumiex deċiżjonijiet li jiddeterminaw lir-realtà, li hi diġà lesta, iżda huma passi li jbiddlu lill-karattru. Minn hemm ‘il quddiem l-istorja tagħhom tissokta miexja, imma b’pass aktar deċiż minn qabel, lejn is-soluzzjoni tagħha. L-għoqda tal-bidu tinħall qajla qajla, tant li l-karattri, bħallikieku membri ta’ kor wieħed iżda lkoll mogħnija b’vuċi differenti, jagħrfu lil xulxin f’dak kollu li paradossalment jagħżilhom minn xulxin. L-awtur jagħti ħjiel ta’ dan huwa u miexi fir-rakkont, bejn siltiet ta’ deskrizzjoni u oħrajn ta’ riflessjoni kotrana, li huma kollha turija tal-involviment dirett tiegħu fil-formazzjoni tal-karattri. In-narratur huwa wkoll wieħed mill-karattri tar-rumanz, u forsi huwa wkoll il-protagonista mifhum, impliċitu.

Bħalma jsegwi b'konsistenza l-linja tal-ħsieb tiegħu, u bħalma jagħżel li jkun tip ta' narratur-li-jaf-kollox u narratur-li-jinsab-kullimkien, Anton Sammut iżomm ukoll il-bilanċ bejn l-ambjent li jgħixu fih il-karattri tiegħu (l-ambjent empiriku, issa u hawn) u l-ambjent li huwa sewwasew ir-ruħ tal-karattri (l-ambjent spiritwali, intellettwali, li m'għandux truf fissi).

Kollox f'dan ir-rumanz jista' jingħaraf bħala tlaqqigħ, kuntrast u kompromess bejn ir-realtà tal-fatti magħrufa u r-realtà tal-prinċipji mfittxa. L-azzjoni u l-ħsieb, iċ-ċertezza u t-tiftixa huma ż-żewg binarji li fuqhom Anton Sammut jorganizza l-vjaġġ miktub fl-għamla ta' personaġġi li jaħsbu u jfittxu. Huwa anki vjaġġ 'kulturali' minħabba li l-awtur jinseġ f'ħaġa kumplessa waħda, bosta riferimenti għal ħsibijiet filosofiċi mislutin minn kulturi diversi, qodma u reċenti, ilkoll bħallikieku mgħoddijin mill-magna tal-ġudizzju tiegħu, dejjem skont il-modalitajiet tal-forma narrattiva li huwa għażel biex jippreżenta espożizzjoni ta' kweżiti dejjiema, kwistjonijiet qliel li sikwit joħorġu mill-konfini li jikklassifikawhom (Teoloġija, filosofija, u oħrajn) biex jimirħu f'dixxiplini differenti. Ilkoll jistgħu jinġabru fil-kelmiet assolut u relattiv. Għalhekk sikwit id-dibattitu kontinwu li huwa l-qofol tar-rumanz ta' Anton Sammut huwa aktar dokument tal-*angst* personali tal-karattri milli eżempju ta' interess fl-avvanz individwali tagħhom stess. Il-preokkupazzjonijiet huma dejjem eżistenzjali, saħansitra anki meta jersqu lejn id-dinja politika. Fil-formazzjoni tas-'summa' tiegħu, l-awtur itaħħat kollox għad-dimensjoni "*sub specie aeternitatis*".

Il-personaġġi huma lkoll membri ta' dinja wiesgħa, usa' minn pajjiż partikolari, u kważi anki meħlusin mill-għeluq ta' żmien speċifiku. Dan kollu juri li Anton Sammut, huwa u miexi mingħajr waqfien fil-mogħdija tal-ħsieb – bejn skiet u kelma, bejn dubju u ċertezza

– jixtieq jinkorpora riflessjonijiet f'kundizzjonijiet tipiċi ta' rakkont: individwi fi ħdan komunità, ħsibijiet li jeħtiegu diskussjoni, mistoqsijiet li jitolbu tweġiba.

L-għeluq tar-rumanz juri li l-awtur mhuwiex interessat li jwassal lir-rakkont sa għeluq preċiż, finali, mitmum. Aktarx jidher li l-għeluq għandu jibqa' miftuħ, biex il-kwistjonijiet jevolvu, u l-vjaġġ ikompli. Rumanz filosofiku bi tmiem miftuħ li juri li l-awtur jagħraf li l-eżistenza stess hi forma ta' rumanz li jevita limiti eżatti.

***Note**: This is a word-for-word Maltese transcription of the original introduction to* **Alte Vestiga** *(ISBN: 978-99932-0-671-2), written by Professor Oliver Friggieri and dated 13 July 2008. Formatting has been adapted for clarity. The original content remains unchanged.*

---

[1] Friggieri, Oliver. *Alte Vestiga* (2008). *"Daħla tal-Professur Oliver Friggieri"*, *pp. v–vii*, *ISBN: 978-99932-0-671-2*

This document reproduces in full the English translation of the introductory essay by Professor Oliver Friggieri, originally published in the novel **Alte Vestiga** *(2008) by Anton Sammut. The introduction appears on pages v–vii and is dated 13 July 2008.*

Alte Vestiga – The First Novel in Maltese by Anton Sammut

Introductory Essay by Professor Oliver Friggieri[1]

Originally published in the novel, pp. v–vii; dated 13 July 2008
ISBN: 978-99932-0-671-2

Despite the many forms that a novel can take — forms that vary without being strictly fixed — all strive, in one way or another, to offer an interpretation of life from a particular perspective through the act of storytelling. Every novel chooses a different dimension of narration: it may employ the first, second, or third person; it may emphasise action over dialogue, or the reverse; it may rely more on description than on other narrative elements. The stylistic possibilities are numerous.

In modern literary criticism, all of this falls under what is known as focalisation. From this point onward, the discussion turns to the novel as a vessel in which content is realised through some form of focalisation.

These reflections may be useful in appreciating Anton Sammut's novel, in light of its thematic and structural choices. Above all, this is a novel that seeks to transform action into thought — or more precisely, to show that the highest form of human action is thought itself. *To think is to exist.* From this premise — reaching beyond Descartes — everything that occurs is as much an act of thought as it is of action.

With seriousness and commitment, and in a tone that is consistently grave, reflective, and direct, Sammut constructs a narrative that navigates between physical, external experience and inner, mental experience — dimensions of space and time that lie beyond the limits of everyday perception.

The characters (primarily German, as the novel is set in Germany between 1890 and 1990, though not exclusively) and their situations seem to take shape as embodiments of thought. They are orchestrated by the author — who is ever-present in the narrative — to illustrate phases in a developmental process through which his characters evolve.

Sammut begins by rendering his characters conscious of a truth — or at least of an intuition or perception in which they are firmly convinced. He then places them within a social and interpersonal environment where the narrative unfolds, and ultimately leads them to adopt a stance, to commit, to decide. These decisions do not determine reality — which already exists — but instead transform the characters themselves. From that moment, the story proceeds with greater decisiveness toward its resolution.

The opening tensions gradually begin to dissolve. The characters — like members of a single choir, each bearing a distinct voice — come to recognise one another precisely in those things that paradoxically differentiate them. The author hints at this progression as he moves between descriptive passages and densely reflective ones — all of which demonstrate his direct involvement in shaping the narrative. The narrator is also one of the characters — perhaps even the implicit protagonist.

In consistently following his own line of thought, and in choosing to serve as both omniscient and omnipresent narrator, Sammut also maintains a balance between the empirical environment his characters inhabit (the here and now) and the inner, spiritual world that forms the true setting of their lives — a realm without fixed boundaries.

Everything in this novel can be understood as a convergence, contrast, or compromise between the reality of known facts and the reality of sought-after principles. Action and thought, certainty and search — these are the dual axes upon which Sammut structures his narrative journey, embodied in characters who think and seek.

It is also a cultural journey: the author weaves into a single, intricate narrative a multitude of references to philosophical ideas drawn from various cultures, ancient and modern — all seemingly filtered through his own critical lens and shaped by the narrative form he has chosen to explore perennial questions.

These questions often transcend the academic classifications that attempt to contain them — theology, philosophy, and others — and instead drift across disciplinary boundaries. They can be gathered under the broad dialectic between the absolute and the relative. Hence, the ongoing debate at the heart of Sammut's novel is less a display of individual ambition than a record of his characters' existential anxiety. Their concerns remain consistently existential, even when they extend into the political realm.

In composing his own kind of summa, Sammut reconfigures everything through the lens of *sub specie aeternitatis* — from the perspective of eternity.

His characters belong to a world wider than any particular country, and are almost freed from the confines of any specific historical moment. All of this reveals that Anton Sammut, in his ceaseless movement along the path of thought — between silence and word, between doubt and certainty — seeks to incorporate reflection into the conditions typical of narrative: individuals within a community, thoughts in need of dialogue, questions that demand response.

The novel's ending makes it clear that the author is not concerned with arriving at a neat, conclusive resolution. Rather, the ending remains open — allowing the questions to evolve and the journey to continue. This is a philosophical novel with an open ending, a work that recognises life itself as a kind of narrative — one that resists finality or fixed limits.

***Note**: This is an English translation of the original Maltese introduction by Professor Oliver Friggieri, published in **Alte Vestiga** (2008) by Anton Sammut (ISBN: 978-99932-0-671-2). The formatting has been adapted for clarity; all interpretations remain faithful to the original content.*

[1] Friggieri, Oliver. *Alte Vestiga*, *Introduction to the novel, pp. v–vii, dated 13 July 2008*, ISBN: 978-99932-0-671-2